# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-14 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 31/2021 JPG**

**Kawza Numru : 38**

**HC**

**vs**

**EC**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' HC datat 6 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, elf, disa' mija, wiehed u tmenin (1981) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett*[1] *itfal li huma maggorenni (vide DOK. A); Bejn il-partijiet m'hemm l-ebda rabta finanzjarja jew rabta ta' xort ohra bejniethom;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntatt redatt minn Nutar Dottor Romina Cuschieri LL.D. mit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) (vide DOK B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati mill-2005, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

[1] Korrezzjoni awtorizzata skond id-digriet tal-10 ta' Gunju 2021.

4. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*GHALDAQSTANT, bir-rispett, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' EC, datata 3 ta' Marzu 2021, a fol 25 li taqra hekk:

*Illi fir-rikors ta' HC jinghad illi miz-zwieg bejn il-partijiet huma kellhom zewgt it-tfal li illum huma maggiorenni.*

*Illi di fatti l-partijiet ghadhom tlett ulied u mhux tnejn u cioe' CC, MC u ES u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta separazzjoni datat 2 ta Dicembru 2005 fl-atti tan-nutar Romina Cuschieri esebit mar-rikors bhala Dok B.*

*Illi, ghaldaqstant kemm il-darba jigi ccarat dan il-punt u jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fir-rikors promotur, l-esponent ma jopponix ghal dak li talbet HC sabiex din il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Puibbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat in-Nota ta' HC datata 10 ta' Gunju 2021, li permezz taghha gie ppresentat l-affidavit taghha; (Vide fol 28 et seq.);

Rat in-Nota ta' EC datata 21 ta' Gunju 2021, li permezz taghha gie ppresentat l-affidavit tieghu; (Vide fol 31 et seq.);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**HC** xehdet (vide affidavit fol 28) illi l-partijiet izzewwgu f'Novembru, 1981 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, illum maggorenni. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Dicembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Romina Cuschieri. Iddikjarat illi mid-data tas-separazzjoni sallum l-partijiet qatt ma tkellmu u llum jghixu hajjiet kompletament separata minn xulxin, ghaldaqstant ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Lanqas ma hemm arretrati ta' manteniment dovut.

**EC** xehed (vide affidavit a fol 31) u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Novembru 1981, liema zwieg jgib c-certifikat numru 2428/1981 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, ilkoll maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar 2 ta' Dicembru 2005, fl-atti tan-Nutar Dr Romina Cuschieri (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2428/1981 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**